# KARLU DIACONO

## Mużiċista u Kompożitur Magħruf f'Egħluq il-50 sena mill-Mewt tiegħu

*Kitba tar-Rev. Kanonku Dun Ġużepp Bonello*



Wieħed mill-mużiċisti Maltin li għandu konnessjoni kbira ma' l-IMQABBA, żgur li huwa s-SURMAST KOMPOŻITUR CARLO DIACONO. Għal ħafna snin kien jieħu ħsieb l-Orkestra u l-mużika tal-festa tal-Madonna "Tal-Ġilju" u huwa wkoll il-kompożitur tal-famuża ANTIFONA tal-Kunċizzjoni, li aħna devoti tal-MADONNA tant nieħdu pjaċir nisimgħu fil-ġranet tal-festa tagħna. Mhux hekk biss, iżda sa ftit taż-żmien ilu, ibnu s-surmast FRANKIE DIACONO kien għadu jsemmagħna fil-festa "Tal-Ġilju" l-mużika serja u melodjuża ta'missieru KARLU.

### Min kien ?

KARLU DIACONO twieled iż-Żejtun fl-1 ta' April 1876; mill-ewwel deher li huwa miġbud lejn il-mużika, għax għadu daqsxejn ta' tfajjel, daħal idoqq kwartin mal-banda "Beland" taż-Żejtun; wara ftit sar organista fil-parroċċa taż–Żejtun, meta għaqqad kor tat-tfal, u ngħata l-ewwel kommissjonijiet f'diversi parroċċi oħra, fosthom l-Imqabba. Diacono beda jistudja għand is-surmast Bormliż PAWLINO VASSALLO. Huwa tant mexa 'l quddiem fl-istudju tiegħu li Vassallo qal fuqu "Carlo tgħallem kważi kollox f'daqqa." Meta fl-1904 fit-Teatru Rjal ġiet ippreżentata l-Opera FRAZIR ta' Pawlino Vassallo, Diacono kien is-surmast li jgħallem lill-koristi u lill-atturi prinċipali.
Fil-15 ta' Novembru 1908, iżżewweġ lil MARIA STELLA CANNATACI, (iz-zija ta' l-Arċisqof GERADA); kellu tlett itfal; kollha għadhom ħajjin; ORAZIO illum perit; MARIA, pjanista magħrufa u FRANKIE, mużiċista u kompożitur ta' fama. Kien raġel iħobb il-familja; kien nisrani konvint u devot kbir tal-Madonna; mill-isbaħ huma l-innijiet marjani tiegħu "Ave Maria", "Tota Pulchra", u "Preghiera alla Vergine"
Fil-1913 DIACONO ntgħażel surmast u direttur tal-Banda "S. Ġorġ" ta' Bormla, meta kkompona l-famuż Innu "A Maria Immacolata" li fis-sena 1955 ndaqq fil-Pjazza Paolino Vassallo, Bormla; dik is-sena nġiebet f'Bormla mill-Imqabba, L-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI, li kull sena fil-festa tal-Madonna "Tal-Ġilju" tintrama fil-Pjazza tar-Raħal.

### Ix-xogħlijiet mużikali tiegħu

Diacono ħallielna għadd kbir ta' mużika sagra; huwa kiteb iktar minn 45 quddiesa kantata u madwar 22 quddiesa tal-mejtin,barra għadd kbir ta' għosrin, innijiet, antifoni, oratorji, eċċ. L-isbaħ Antifoni tiegħu huma dawk tal-Kunċizzjoni, ta' San Lawrenz u ta' Santa Katerina. Kien tassew xieraq li l-Isqof fl-1923 għażel lil Karlu Diacono "Maestro di Cappella" tal-Kattidral, l-aqwa unur li jista' jkollu mużiċista Malti.
Fil-mużika lirika u profana, Diacono ma baqax lura; kien kompożitur mill-aqwa; kiteb għadd kbir ta' Sinfoniji, Overtures, Preludji, mużika polifonika, marċijiet, innijiet għall-orkestra u għall-baned rumanzi u xogħlijiet għall-pjanu.

F'Mejju ta' 1918, Diacono ppreżenta l-Opra tiegħu ALPINO, fit-Teatru Rjal, il-Belt. Il-librett ta' l-Opra hu tal-magħruf poeta Romiro Barbaro di S. Giorgio, il-fundatur tal-Banda S. Ġorġ ta' Bormla; fl-1946 l-istess Opra ġiet ippreżentata fir-Radio City Opera House il-Ħamrun, minn ibnu Frankie.
Il-mużika tiegħu ndaqqet f'Ruma, f'New York, fil-Kajr u fil-British Exhibition f'Wembley, Ingilterra; wieħed mill-aqwa trijonfi tiegħu kien meta fis-"Silver Jubilee" tar-Re Ġorġ V, idderieġa 37 Banda f'daqqa fil-Main Guard, u fuq Kastilja.
Karlo Diacono miet f'Ħal-Lija fl-età ta' 66 sena, nhar l-14 ta' Ġunju 1942 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor, iż-Żejtun.

### Apprezzament tal-mużika tiegħu

Il-poeta Dun Karm kien ammiratur kbir ta' Diacono; fl-1943 kiteb poeżija biex ifakkar l-egħluq is-sena mill-mewt ta' Karlu. "Il-mużika tiegħu," qal Dun Karm "kienet tgħaxxaqni".
Is-Surmast Taljan Refice, li ġie Malta kemm-il darba qal, "Diacono huwa lussu kbir għal Malta", u Mascagni meta sema' l-mużika ta' Diacono għamel dan il-kumment: "Diacono stess ma jafx kemm jippossiedi talent mużikali." Wieħed mill-aqwa awtorità fil-mużika sagra, MONS. PEROSI Maestro tal-kappella Sistina tal-Vatikan kien ħabib intimu ta' Diacono. F'ittra li kiteb lil Karlu faħħru wisq għall-istil sabiħ u melodjuż tal-mużika tiegħu." Il-mużika sabiħa tiegħek," kiteb Perosi "serrħitni fin-niket tiegħi".
Fiż-Żejtun, fid-19 ta' Novembru 1967, saret tifkira lil dan il-ġenju mużikali. Saret wirja tax-xogħlijiet tieghu fis-Sala Parrokkjali u saru diskorsi kommemorattivi mill-kan. Dun Giov. Palmier, mill-Arċipriet taż-Żejtun, Dun Pantaleone Orland u mill-Kaptan S. Xuereb. Tqiegħed ukoll bust ta' Karlu fil-faċċata tad-dar fejn twieled, nru. 28 Pjazza Gregorju Bonnici. Dan il-Bust huwa xogħol sabiħ tal-Prof. V. Apap.

### Egħluq

Huwa unur kbir għall-IMQABBIN kollha, li dan is-surmast kompożitur kien il-MAESTRO DI CAPPELLA fil-parroċċa tal-Imqabba għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Żgur li meta nisimgħu l-antifona tant sabiħa tal-Kunċizzjoni, niftakru f'dan il-ġenju li ħallielna tant mużika melodjuża.